MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 24/2013

**Antonio Basile
ezercitanti l-kummerc that l-isem 'Venesia'**

**Vs**

**Agritrans Logistics Ltd
C 45380**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrent talab is-servizzi tas-socjeta' intimate sabiex din tal-ahhar tittrasporta ikel iffrizat konsistenti f'ghoxrin (20) kaxxa *mono Stromboli* u tmintax-il (18) il-kaxxa ravjul minn Catania ghal Malta fit-8 ta' Dicembru, 2011;

Illi waqt dan it-trasport minn Catania ghal Malta, l-ikel fuq imsemmi ma giex ittrasportat fit-temperatura adattata, b'rizultat ta' liema l-ikel wasal Malta mhux iffrizat kif suppost u ma setax jinbiegh u/jew jittiekel;

Illi s-socjeta' intimate giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elf, hames mija u tlettax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,513.92), rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' disa' mija u sebgha u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€947.52), il-prezz tal-ikel li ntilef b'rizultat tan-negligenza u imperizja tal-haddiema tas-socjeta' intimate, u in kwantu ghas-somma ta' hames mija u sitta u sittin ewro u erbghin centezmu (€566.40), hlas mensili tal-hazna tal-ikel fuq imsemmi sakemm jintlahaq ftehim jew isir id-debitu hlas mis-socjeta' intimata;

Illi s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni tad-dani sofferti mir-rikorrent, inkluz permezz ta' ittra ufficjali numru 2721/12, kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok ABV1, izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha tigi adottara l-procedura odjerna;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu –

1. Jiddikjara lis-socjeta' intimata responsabbli ghad-danni kagunati mill-hazna tal-ikel f'temperaturi mhux adattati waqt it-trasport tal-istess minn Catania ghal Malta fit-8 ta' Dicembru 2011;
2. Jillikwida s-somma dovuta mis-socjeta' intimata konsistenti f'elf, hames mija u tlettax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,513.92), oltre spejjez u interessi sad-data tal-pagament effettiv skond il-Ligi, jew somma ohra verjruri;
3. Jikkundana lis-socjeta' intimata ghall-pagament tas-somma hekk likwidata jew soma ohra verjrui;

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta 'n subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2013 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf, hames mija u tlettax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,513.92), bl-interessi legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------